

(3) Il-Parlament u Densmore Ronald Dover għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(¹) ĠU C 141, 20.06.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011 — Il-Greċja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-184/09) (¹)

(“FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — Infiq eskluż mill-finanzjament Komunitarju — Organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur taz-zokkor — Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1663/95 u Artikolu 11(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 885/2006 — Evalwazzjoni tar-riskju ta’ dannu finanzjarju għall-FAEGG — Prinċipju ta’ proporzjonalità”)

(2011/C 145/42)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: V. Kontolimos, E. Leftheriotou u V. Karra, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Jimeno Fernández u A. Markoulli, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/253/KE, tad-19 ta' Marzu 2009, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċertu nfiq magħmula mill-Istati Membri taħt it-Taqsima Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FAEGG), u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew dwar il-Garanzija (FAEG) (ĠU L 75, p. 15), sa fejn din teskludi ċertu nfiq magħmula mir-Repubblika Ellenika fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur taz-zokkor.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 193, 15.08.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011 — Cybergun vs UASI — Umarex Sportwaffen (AK 47)

(Kawża T-419/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja verbali AK 47 — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) u Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 145/43)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Cybergun SA (Bondoufle, Franza) (rappreżentant: S. Guyot, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Umarex Sportwaffen GmbH Co. KG (Arnsberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: M.-H. Hoffmann, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-5 ta' Awwissu 2009 (Każ R 1101/2007-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Umarex Sportwaffen GmbH Co. KG u Cybergun SA.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Cybergun SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 312, 19.12.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011 — Cybergun vs UASI — Umarex Sportwaffen (AK 47)

(Kawża T-503/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja verbali AK 47 — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) u Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 145/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Cybergun SA (Bondoufle, Franza) (rappreżentant: S. Guyot, avukat)